MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 437/2007

**A**

**-vs-**

**Kuraturi deputati li b'digriet tad-19 ta' Novembru, 2007 ġew nominati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Novembru, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw żwieġ ġewwa _____, il-_____ (pajjiz barra minn Malta), fil-11 ta' Novembru, 2000;

2. Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti m'għadhiex iktar possibbli minħabba moħqrija, inġurji

gravi, u nuqqas ta' kompatibbilta' ta' karattru *oltre* li B abbandunat lir-rikorrenti billi allantonat ruħha minn Malta u marret tgħix l-______ b'mod permanenti, mingħajr ma ħalliet indirizz ta' fejn ser tmur tirrisjedi;

3. Illi l-partijiet kienu ilhom isseparati *de facto* qabel illum, għal ċirka erba' snin u kienu *gia'* qasmu bejniethom il-maġġor parti tal-proprjeta' appartenenti għall-komunjoni ta' l-akkwisti, fosthom id-dar konjugali u in komun bejniethom baqa' biss ftit oġġetti mobbli u garaxx ta' żewġ karozzi, bla isem u bla numru, fi << *address* >>;

4. Illi miż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ma twieldu l-ebda wlied;

5. Illi l-esponenti ġie debitament awtorizzat jippreżenta din il-kawża permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli tal-25 ta' Ottubru, 2007 skond id-dokument "A" hawn anness;

*In vista* tal-premess, tgħid l-istess konvenuta għar-raġunijiet premessi u dawk li għandhom jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(a) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imputabbli lill-intimata u għall-finijiet ta' l-Artiklu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu XVI) tistabbilixxi d-data meta l-istess intimata għandha tiġi kkunsidrata li minnha kien ħatja tal-firda;

(b) tawtorizza lill-attur jgħix separatament minn ma' martu l-konvenuta;

(c) tapplika kontra l-intimata interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 48, 51, 53 sa 55A tal-Kodiċi Ċivili, Kapitlu XVVI;

(d) tikkundanna lill-intimata tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali tiegħu;

(e) tawtorizza lill-attur illi jirreġistra *ossia* jniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta illi minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fit-22 ta' Jannar, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero' jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri u iktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu iktar informazzjoni dwar il-każ odjern.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur.

Rat iċ-ċertifikat ġuramentat ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anton Valentino.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur ta' l-attur.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenuti *nomine* ma ressqux provi evidentement għaliex ma għamlux kuntatt ma' l-assenti.

Il-partijiet iżżewġu fl-2000 u ma kellhomx tfal. Il-konvenuta li hija barranija marret tgħix l-Awstralja u dan wara li l-

partijiet kienu *gia'* qasmu xi proprjetajiet billi *gia'* kien hemm il-problemi bejniethom. Kull ma baqa' biss huma vettura u garaxx li jiswa ċirka ħamsa u tletin elf Euro (€35,000) skond l-istima peritali u li pero' ipoteka mal-Bank u hemm dejn ikbar minn daqshekk. Il-Qorti għalhekk ser tassenja kollox lill-attur li pero' għandu jħallas ukoll id-djun. Ma jidhirx li hemm iktar x'wieħed jiddelibera.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk:**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fir-rikors promotur, u dan b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004;**

**2. tilqa' t-tieni talba;**

**3. tilqa' t-tielet talba;**

**4. tassenja lill-attur il-proprjeta' kollha imsemmija, u *cioe'* il-garaxx taħt il-proprjeta' jisimha ________________, u wkoll il-vettura ________, b'dan pero' li għandu jħallas huwa wkoll id-djun eżistenti ma' Banek lokali; u għal dawn l-għanijiet tinnomina lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Claudio Zammit bħala kuratur tal-kontumaċi; il-kuntratt għandu meta ssir talba ta' xi ħadd mill-partijiet permezz ta' rikors; għal kull *buon fini* il-Qorti tiddikjara li proprjetajiet oħra mobbli mixtrija jew akkwistati mill-partijiet preżentement fil-pussess tagħhom, kif ukoll kontijiet bankarji f'isimhom waħedhom qegħdin jiġu ddikjarati proprjetajiet tal-possessur;**

**5. tilqa' l-ħames talba.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu nofs minn kull parti, iżda l-attur għandu jħallas l-ispejjeż tal-kuntratt fuq imsemmi u l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------